A.L. 7 ta' l- 2003

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 371)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Skema ta' Garanzija ta' Depożiti

Arranġament tar-regolamenti

1. Isem u Bidu fis-sehh.
2. Tifsir.
3. Twaqqif ta' l-Iskema ta' Garanzija ta' Depożiti.
4. Funzjonijiet ta' l-Iskema.
5. Kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija.
6. Setgħat u dmirijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija.
7. Pattijiet dwar it-tmexxija ta' investimenti u ta' appoġġ amministrattiv.
8. Pubblikazzjoni ta' Dikjarazzjonijiet Finanzjarji.
9. Laqgħat tal-Kumitat.
10. Għejun u Applikazzjoni ta' fondi.
11. Parteċipanti.
12. Kontribuzzjonijiet għall-Iskema.
13. Determinazzjoni.
14. Applikazzjoni għal Kumpens.
15. Verifika ta' talbiet.
16. Meta fondi jidhru li huma inadegwati.
17. Limitu ta' Kumpens.
18. Depożiti eliġibbli.
19. Il-kumpens imħallas għandu jitnaqqas mill-kumpens pagabbli.
20. Min jagħmel talba.
21. Talbiet.
22. Surroga.
23. Proprjetà konġunta.
24. Informazzjoni lill-Konsumatur.
25. Riklami.
26. Setgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija li jakkwista informazzjoni.
27. Konfidenzjalità.
28. Nuqqas ta' tħaris ta' obbligi.
29. Proċeduri biex ikunu investigati lmenti.
30. Setgħa li jinħarġu direttivi u linji ta' gwida.
31. Eżenzjoni minn responsabbiltà għal danni.
32. Għeluq is-Sena Finanzjarja ta' l-Iskema.

33. Verifika.
34. Kooperazzjoni ma'awtoritajiet ohra.

L-Ewwel Skeda

Lista ta' Esklużjonijiet

It-Tieni Skeda

Kontribuzzjonijiet

It-Tielet Skeda

Membri ġodda

A.L. 7 ta' l-2003

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU (KAP. 371)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Skema ta' Garanzija ta' Depożiti

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru tal-Finanzi, fuq il-parir ta' l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, bhala l-awtorità kompetenti mahtura ghall-finijiet ta' dak l-Att, ghamel ir-regolamenti li ġejjin:- Kap. 371.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Skema ta' Garanzija ta' Depożiti, u ghandhom jidhlu fis-sehh f'tali data li l-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistghu jkunu stabbiliti ghal disposizzjonijiet differenti jew ghal finijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti. Isem u bidu fis-sehh.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx tehtieġ xort'ohra – Tifsir.

"Att" tfisser l-Att li jirregola l-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti taht l-Att;

"Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta kif imfisser fl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; Kap. 204

"depożitant" tfisser persuna li tkun fdat depożitu lil istituzzjoni ta' kreditu bla hsara ghall-eskluzjonijiet imniżżlin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"depożitu" ghandu jkollha l-istess tifsira bhal dik moghtija lill-kliem fl-artikolu 2 ta' l-Att;

"depożitu eligibbli" ghandu jkollha l-istess tifsira moghtija lilha minn regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti;

"fergha" ghandu jkollha l-istess tifsira moghtija lill-kliem fl-artikolu 2 ta' l-Att u, ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, hija post

ta' negozju li jifformа parti legalment dipendenti minn istituzzjoni ta' kreditu u li minnha jitmexxew l-attivitajiet kollha jew uhud minnhom li l-istituzzjoni ta' kreditu'ġiet awtorizzata tagħmel. Il-postijiet tan-negozju kollha mwaqqfin f'xi pajjiż wieħed minn istituzzjoni ta' kreditu li l-uffiċċju ewlieni tagħha qiegħed Malta jew f'pajjiż ieħor għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda;

"istituzzjoni ta' kreditu" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kliem fl-artikolu 2 ta' l-Att;

"kont konġunt" tfisser kont miftuħ f'isem żewġ persuni jew aktar jew li fuqu żewġ persuni jew aktar ikollhom drittijiet li jistgħu jkunu eżerċitati taħt il-firma ta' xi waħda jew aktar minn dawk il-persuni;

"Kumitat ta' Tmexxija" tfisser il-Kumitat ta' Tmexxija ta' l-Iskemi għall-Kumpens taħt regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"kummerċ bankarju" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kliem f'artikolu 2 ta' l-Att;

"l-Iskema" tfisser l-Iskema ta' Garanzija ta' Depożiti stabbilita taħt regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"parteċipant" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li tipparteċipa fl-Iskema skond ir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti;

"Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal stabbilit skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330

Twaqqif ta' l-Iskema ta' Garanzija ta' Depożiti.

3. (1) Għandha titwaqqaf Skema ta' Garanzija ta' Depożiti.

(2) L-iskema għandha tkun korp ġuridiku li jkollu personalità legali distinta u għandu jkun kapaċi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti, li jidħol għal kuntratti ta' self jew b'xi mod ieħor jinkorri djun għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jakkwista, jżomm u jiddisponi minn proprjetà ta' kull xorta għall-finijiet tal-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek jew jiġi mħarrek u li jagħmel dawn il-ħwejjeġ kollha u jidħol għal kull tali transazzjoni li tkun inċidentali jew li twassal għall-eżerċizzju jew twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) L-Iskema għandha titmexxa u tkun amministrata minn, u tkun taħt il-kontroll ġenerali tal-Kumitat ta' Tmexxija maħtur skond ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Iskema għandha tkun vestita fiċ-*chairperson* tal-Kumitat tat-Tmexxija:

Iżda mingħajr preġudizzju għal dak hawn qabel imsemmi, il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jvesti kull wieħed jew aktar mill-membri tiegħu jew mill-uffiċjali jew aġenti ta' l-Iskema bir-rappreżentanża legali u ġuridika.

Funzjonijiet ta' l-Iskema.

4. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat jew funzjonijiet oħra mogħtija lilha minn dawn ir-regolamenti jew minn xi liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni ta' l-Iskema:

(a) li tistabbilixxi u żżomm, wara konsultazzjonijiet ma' l-awtorità kompetenti, arranġamenti biex isiru ħlasijiet lil depożitanti skond dawn ir-regolamenti;

(b) li żżomm fond jew fondi li minnhom isiru ħlasijiet lil depożitanti u li tagħmel tali ħlasijiet jew spejjeż oħra li jistgħu jitħallsu mill-fond jew fondi skond dawn ir-regolamenti;

(ċ) li tqiegħed kontribuzzjonijiet magħmulin minn parteċipanti u minn fondi oħra mmaniġġjati u amministrati mill-Iskema f'depożiti jew tinvesti tali kontribuzzjonijiet jew fondi;

(d) li tagħti parir lill-awtorità kompetenti fuq materji li għandhom x'jaqsmu ma' kumpens lil depożitanti, u

(e) li tipproċessa talbiet għal kumpens magħmulin minn depożitanti kemm jista' jkun malajr u li tiżgura li l-kumpens jitħallas bla dewmien żejjed.

Kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija.

5. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jinħatar mill- awtorità kompetenti u għandu jikkonsisti f'*chairperson* u mhux aktar minn sitt membri oħra inklużi:

(a) uffiċjal, ta' grad mhux inqas minn maniġerjali, li jkun qed jaqdi dmirijiet ma' l-awtorità kompetenti u li jkollu l-ħila u l-esperjenza meħtieġa fis-servizzi finanzjarji;

(b) persuna waħda nominata minn assoċjazzjoni jew korp ieħor li jirrappreżenta persuni li jkollhom liċenza taħt l-Att dwar Kap.370.

Servizzi ta' Investiment u li jkun rikonoxxut għal dan il-fini mill-awtorità kompetenti;

(ċ) persuna waħda nominata minn assoċjazzjoni jew korp ieħor li jirrappreżenta istituzzjonijiet ta' kreditu u li jkun rikonoxxut għal dan il-fini mill-awtorità kompetenti;

(d) uffiċjal, ta' grad mhux inqas minn maniġerjali, li jaqdi dmirijiet mal-Bank ċentrali; u

(e) persuna li, minħabba l-esperjenza, kwalifiki jew attivitajiet tagħha, titqies li kapaċi tippreżenta u tirrappreżenta l-fehmiet tal-konsumaturi.

Iżda kull meta, għal kull raġuni li tkun, l-assoċjazzjonijiet jew korpi oħra li jirrappreżentaw detenturi ta' liċenza u istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija f'paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jonqsu milli jinnominaw, fiż-żmien mogħti lilhom mill-awtorità kompetenti, lill-persuna li għandha tkun nominata, l-awtorità kompetenti għandha taħtar lill-persuni, jew lill-persuna li jkun baqa', skond id-diskrezzjoni tagħha.

(2) Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom jinħatru minn fost persuni li, fil-fehma ta' l-awtorità kompetenti, ikollhom esperjenza ppruvata u illi jkunu kwalifikati f'servizzi finanzjarji, tmexxija, jew ikunu jippossjedu xi għarfien u esperjenza professjonali jew kummerċjali rilevanti.

(3) Il-membru tal-Kumitat ta' Tmexxija nominat minn assoċjazzjoni jew korp ieħor li jirrappreżenta detenturi ta' liċenza u l-membru nominat minn assoċjazzjoni jew korp ieħor li jirrappreżenta istituzzjonijiet ta' kreditu, mhgħandux ikun eliġibbli biex jinħatar jekk għandu interessi finanzjarji jew interessi oħra li x'aktarx jaffettwaw b'mod preġudizzjali l-qadi minnu tal-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti.

(4) Kull membru tal-Kumitat ta' Tmexxija, inkluż iċ-*chairperson*, għandu jdum fil-kariga għal tali perjodu u b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet skond kif ikunu determinati mill-awtorità kompetenti u indikati fl-ittra tal-ħatra. Tali terminu tal-kariga m'għandux ikun ta' inqas minn tliet snin u ta' aktar minn ħames snin. Kull membru tal-Kumitat ta' Tmexxija, inkluż iċ-*chairperson*, ikun eliġibbli biex jinħatar mill-ġdid.

(5) Membru tal-Kumitat ta' Tmexxija jista' jitneħħa mill-kariga mill-awtorità kompetenti għal raġunijiet ta' nuqqas ta' ħila li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, kemm minħabba f'nuqqas ta' saħħa

tal-mohh jew tal-ġisem, jew imġieba ħażina, u, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, nuqqas ta' attendenza ripetuta u mhux ġustifikata għal-laqgħat tal- Kumitat ta' Tmexxija tista' titqies li tammonta għal nuqqas ta' mġieba tajba.

(6) Membru tal-Kumitat ta' Tmexxija jista' jirriżenja mill-kariga b'ittra indirizzata lill-awtorità kompetenti.

(7) L-awtorità kompetenti tista' timla kull vakanza li tinħoloq fil-Kumitat ta' Tmexxija għal kull raġuni li tkun, iżda għandha tqis id-dispożizzjonijiet ta' subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(8) Avviż ta' l-ismijiet tal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija (u kull riżenja, tkeċċija u ħatra ġdida) għandhom ikunu ippubblikati fil-Gazzetta.

(9) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha tiħallas lill-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija.

(10) Il-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi maħtur skond l-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għandu jaġixxi ta' segretarju tal-Kumitat ta' Tmexxija u għandu jkun responsabbli biex jagħmel il-preparazzjonijiet neċessarji għal-laqgħat tal-Kumitat u jżomm il-minuti tagħhom. Kap. 330

6. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkollu s-setgħa li jaħtar uffiċjali jew aġenti ta' l-Iskema u jagħtihom tali poteri jew awtorità skond kif iqis xieraq. F'konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, il-Kumitat ta' Tmexxija jistaħ, għat-twettiq aħjar ta' l-iskop tiegħu, jiddelega partijiet speċifiċi tal-ħidma tiegħu biex jitmexxew f'ismu minn tali korp jew persuna u taħt tali arranġament jew arranġamenti skond kif iqis xieraq. Setgħat u dmirijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija.

(2) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jqiegħed kontribuzzjonijiet magħmulin minn parteċipanti skond ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti u fondi oħra mmaniġġjati u amministrati minnu f'depożiti jew jista' jinvesti tali kontribuzzjonijiet, waqt li jqis il-ħtieġa tal-prudenza.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jixtri poloz ta' assigurazzjoni, jissellef jew b'xi mod ieħor jinkorri djun f'isem l-Iskema għall-finijiet tal-funzjonijiet ta' l-Iskema, b'kull mod u taħt kull xorta ta' pattijiet li jqis xieraq, b'dan iżda li tali self ma jaqbiżx it-tletin fil-mija tal-valur ta' l-assi netti ta' l-Iskema.

(4) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jordna li jinżammu kotba tal-kontijiet kif għandu jkun biex il-qagħda finanzjarja ta' l-Iskema tkun tista' tiġi aċċertata bi preċiżjoni raġonevoli f'kull waqt.

Pattijiet dwar it-tmexxija ta' investimenti u ta' appoġġ amministrattiv.

7. Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1) tar-regolament 6, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jidħol f'dawk il-pattijiet ta' tmexxija ta' investimenti u ta' appoġġ amministrattiv kif jistgħu jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.

Pubblikazzjoni ta' Dikjarazzjonijiet Finanzjarji.

8. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jħejji u japprova dikjarazzjonijiet li jbassru l-ispejjeż u d-dħul annwali ta' l-Iskema, u għandu jqiegħed tali dikjarazzjonijiet ta' tbassir għad-disposizzjoni tal-parteċipanti kollha.

(2) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jagħmel lill- awtorità kompetenti rapport annwali fuq il-qadi tal-funzjonijiet tagħha u fuq it-thaddim ta' l-Iskema fi żmien xahrejn mill-għeluq tas-sena finanzjarja ta' l-Iskema. Tali rapport annwali għandu jagħti dettalji ta' kif il-Kumitat ta' Tmexxija jkun eżerċita s-setgħat ta' tmexxija li għandu u għandu jinkludi, fost l-oħrajn -

(a) dikjarazzjoni li turi l-ħlasijiet li jkunu daħlu u ħarġu fl-Iskema tul is-sena finanzjarja li tkun ġiet immedjatament qabel;

Kap. 386.

(b) dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali awditjati skond l-*International Accounting Standards*, u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, meta jkunu rilevanti.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jippubblika f'mill-inqas żewġ gazzetti ta' kuljum, li waħda minnhom għandha tkun bil-Malti, ir-rapport annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tiegħu fi żmien erbaħ xhur mill-għeluq tas-sena finanzjarja ta' l-Iskema.

(4) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jħejji rapport ta' nofs is-sena lill-awtorità kompetenti li fih jagħti dettalji ta' kif tkun eżerċitat is-setgħat ta' mmaniġġjar tagħha, flimkien ma' rapport fuq il-qagħda finanzjarja ta' l-Iskema li, madankollu m'hemmx għalfejn ikun akkompanjat minn rapport ta' awdituri.

(5) Il-kotba tal-kontijiet għandhom jinżammu fl-uffiċċji ta' l-Iskema jew f'tali post jew postijiet oħra kif il-Kumitat ta' Tmexxija jidħirlu xieraq, u għandhom jitqiegħdu għad-disposizzjoni tal-parteċipanti u tal-pubbliku meta jintalbu.

Laqgħat tal-Kumitat.

9. (1) Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom isiru spiss skond kemm ikun meħtieġ iżda mhux inqas frekwentement minn darba kull tliet xhur kalendarji.

(2) Laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom jissejħu miċ-*chairperson* jew fuq inizjattiva tiegħu nnifsu jew wara talba bil-miktub ta' tnejn mill-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jipproċedi bix-xogħol tiegħu biss jekk mill-inqas tliet membri (li għandhom jinkludu ċ-*chairperson* jew, fl-assenza tiegħu, il-membru nominat mill-awtorità kompetenti) jkunu preżenti.

(4) Għall-finijiet tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija, kull membru għandu jkollu vot wieħed. Votazzjoni tal- Kumitat ta' Tmexxija għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti, ħlief fil-każ tas-subregolament (3) tar-regolament 6 u subregolament (1) tar-regolament 8 fejn vot maġoritarju għandu jkun meħtieġ li jkun ekwivalenti għal mill-inqas żewġ terzi tal-voti ta' dawk preżenti. Fil-każ ta' ugwaljanza ta' voti, iċ-*chairperson* għandu jkollu t-tieni vot jew vot deċiżiv.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet hawn qabel ta' dan ir-regolament, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkollu s-setgħa li jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu u jista' wkoll jistabbilixxi tali proċeduri jew jagħmel tali regoli skond kif jidhirlu xieraq għat-twettiq aħjar ta' l-iskopijiet tiegħu.

(6) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jistieden lil xi persuna li fil-fehma tiegħu jkollha għarfien jew esperjenza speċjalizzati fuq suġġett partikolari, biex tattendi xi laqgħa u tieħu sehem fid-diskussjonijiet.

Għejun u Applikazzjoni ta' fondi.

10. (1) Għat-termini ta' regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, l-iskema għandha tistabbilixxi u żżomm fond jew numru ta' fondi li minnhom isiru ħlasijiet skond dawn ir-regolamenti.

(2) L-għejun ta' l-iffinanzjar għandhom jinkludu:

(a) kontribuzzjonijiet miġburin minghand il- parteċipanti fl-Iskema mill-Kumitat ta' Tmexxija;

(b) flus imħallsin bħala ħlasijiet amministrattivi mill-parteċipanti kollha kif jista jiġi preskritt;

(ċ) flus riċevuti bħala dħul mill-investimenti ta' l-assi tal-fond;

(d) flus missellfa mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-iskopijiet ta' l-Iskema;

(e) flus riċevuti mill-Kumitat ta' Tmexxija minn xi polza ta' assigurazzjoni li jkun xtara; u

(f) kull flus oħra meħtieġa biex jitħallsu lill-fond jew fondi, riċevuti jew irkuprati mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-iskopijiet ta' l-Iskema.

(3) Għandhom jitħallsu mill-fondi:

(a) flus determinati mill-Kumitat ta' Tmexxija bħala kumpens lid-depożitanti;

(b) flus meħtieġa biex jitħallsu lura flus missellfa (jew imgħaxijiet fuqhom jew spejjeż konnessi magħhom) jew għall-ħlas ta'*premia* ta' xi poloz ta' assigurazzjoni mixtrija għall-iskopijiet ta' l-Iskema; u

(ċ) kull flus oħra mħallsin mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-iskopijiet ta' l-Iskema.

(4) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jżomm, jimmaniġġja u japplika l-fond jew fondi skond dawn ir-regolamenti.

Parteċipanti.

11. (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta taħt l-Att għandha tipparteċipa u tikkontribwixxi fl-Iskema, inkluża fergħa ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li topera f'pajjiż ieħor.

(2) Fil-każ ta' parteċipant li l-uffiċċju ewlieni tiegħu qiegħed f'pajjiż barra minn Malta, u wkoll fergħat ta' istituzzjoni ta' kreditu li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom f'Malta iżda joperaw barra minn Malta, u fejn hemm kopertura supplementari minn skema korrispondenti f'dak il-pajjiż ieħor, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jidħol fi ftehim bilaterali ma' l-awtorità responsabbli għat-tmexxija u amministrazzjoni ta' l-Iskema f'dak il-pajjiż ieħor u jistipula, fost l-oħrajn, ir-regoli u proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-ħlas ta' kumpens lil depożitanti.

(3) Parteċipazzjoni fl-Iskema ma teskludix il-possibiltà li istituzzjonijiet ta' kreditu partikolari jista' jkollhom jipparteċipaw ukoll fi skemi ta' kumpens oħra jew simili mwaqqfin taħt liġi differenti u regolati minn awtorità kompetenti oħra jew korp ieħor, f'Malta jew barra minn Malta.

(4) Meta istituzzjoni ta' kreditu ssir membru ta' l-Iskema wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddetermina l-obbligu u kondizzjonijiet kollha relattivi tal-parteċipant kif imniżżlin fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kontribuzzjonijiet għall-Iskema.

12. (1) Il-parteċipanti għandhom iħallsu dawk il-kontribuzzjonijiet għall-Iskema kif preskritti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, kif dawn jistgħu jkunu emendati jew mibdula minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti, b'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Tmexxija.

(2) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jispeċifika rati jew ammonti differenti ta' kontribuzzjonijiet jew bażi differenti għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għal klassijiet jew kategoriji differenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

(3) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, il-Kumitat ta' Tmexxija, meta jispeċifika rati jew ammonti differenti ta' kontribuzzjonijiet jew bażi differenti għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għal klassijiet jew kategoriji differenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fl-istess klassi jew kategorija, jista' jieħu f'konsiderazzjoni flus jew depożiti f'kontijiet fdati lil tali istituzzjoni ta' kreditu u kull dokumentazzjoni finanzjarja jew ta' żamma ta' kontijiet skond kif jista' jkun speċifikat minn żmien għal żmien, qabel jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Determinazzjoni.

13. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina fi żmien 21 ġurnata mill-ġrajja taċ-ċirkustanzi li ġejjin, skond liema minnhom tiġi l-ewwel:

(a) meta jkun jidher lill-awtorità kompetenti li parteċipant ma jkunx jista', għall-mument, għal raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkustanzi finanzjarji tiegħu, jaqdi l-obbligi li jirriżultaw mit-talbiet magħmulin mid-depożitanti tiegħu u li ma jkunx hemm prospett fil-qrib jew fi żmien prevedibbli li jkun jista' jagħmel dan, jew inkella jkun issospenda l-ħlasijiet b'xi mod ieħor; jew (b) fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu li għandha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'Malta u, li fir-rigward tagħha ħarġet ordni mill-Qrati ta' Malta għal xoljiment jew likwidazzjoni taħt il-liġijiet ta' Malta.

(2) L-awtorità kompetenti tista', b'mod ta' linji ta' gwida, tistabbilixxi dawk iċ-ċirkustanzi jew kriterji li jistgħu jkunu kkunsidrati biex tasal għal deċiżjoni dwar jekk tagħmilx determinazzjoni skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Fil-ġurnata meta ssir id-determinazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma bil-miktub lill-Kumitat ta' Tmexxija bid-determinazzjoni. Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jieħu miżuri addizzjonali li jidħrulu meħtieġa jew xierqa fil-limiti tas-setgħat tiegħu taħt dawn ir-regolamenti.

(4) L-awtorità kompetenti għandha immedjatament tinforma lil kull skema ta' kumpens oħra relatata ma' attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, kif jista' jkun stabbilit taħt xi liġi oħra u regolat minn xi awtorità kompetenti jew korp ieħor, li tkun tal-fehma li jista' jintlaqat minn tali determinazzjoni.

(5) Meta tiġi biex tagħmel determinazzjoni skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha tqis kull rapport ta' uffiċjali jew aġenti awtorizzati minnha fuq iċ-ċirkustanzi tal-qagħda ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, u ta' kull informazzjoni oħra fil-pussess tagħha.

Applikazzjoni għal Kumpens.

14. (1) Meta jkun infurmat mill-awtorità kompetenti li saret determinazzjoni taħt subregolament (1) ta' regolament 13 il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jippubblika avviż f'mill-inqas żewġ gazzetti lokali biex jinforma lid-depożitanti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu b'tali determinazzjoni u bil-mod kif talbiet imsaħħa minn evidenza dokumentarja għandhom ikunu sottomessi.

(2) Id-dritt ta' depożitant għal kumpens m'għandux jintilef jekk id-depożitant ma kienx jista' jasserixxi d-dritt tiegħu għal kumpens fil-limiti taż-żmien preskritt skond kif jista' jkun imħabbar.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista', wara li ssirlu applikazzjoni għal kumpens minn depożitant, jaċċetta jew jirrifjuta li jagħti kumpens skond dawn ir-regolamenti.

(4) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jipproċedi biex iħallas kumpens għal talbiet verifikati fi żmien tliet xhur mid-data tad-determinazzjoni mogħtija fit-termini tas-subregolament (1) ta' regolament 13.

Iżda l-Kumitat ta' Tmexxija jista', f'każi eċċezzjonali, japplika lill-awtorità kompetenti għal estensjoni ta' dan il-perjodu b'perjodu ulterjuri sa tliet xhur, u sa żewġ perjodi ulterjuri oħra ta' tliet xhur kull wieħed wara dan.

Verifika ta' talbiet.

15. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jagħmel l-arranġamenti amministrattivi tiegħu biex jivverifika t-talbiet. Dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu:

(a) li jagħti formola ta' applikazzjoni għal min jagħmel talba li tinftiehem ċar (bl-Ingliż u bil-Malti f'Malta, u fil-lingwa jew lingwi uffiċjali f'pajjiż terz fejn tkun stabbilita fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu);

(b) li jipprovdi għall-eżerċizzju tad-dritt tas-surroga mill-Kumitat ta' Tmexxija taħt regolament 22 ta' dawn ir- regolamenti; u

(ċ) li jitlob lil dawk li jagħmlu talba biex jagħtu:

(i) l-identità u l-indirizz tagħhom;

(ii) il-kapaċità li bis-saħħa tagħha jagħmlu t-talba;

(iii) prova tad-depożiti eliġibbli kif imfissra fir-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti;

(iv) kull informazzjoni oħra raġonevoli meħtieġa mill-Kumitat ta' Tmexxija.

(2) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jirrifjuta li jagħmel ħlas għal kumpens fir-rigward ta' depożitu eliġibbli sakemm il-persuna li tagħmel talba li għandha dritt għad-depożitu ma tinfurmax lill-Kumitat ta' Tmexxija bil-kapaċità li bis-saħħa tagħha tkun il-propjetarju benefiċ jarju tad-depożitu u tipprovdi prova u informazzjoni dokumentata sodisfaċenti biex tippermetti lill-Kumitat ta' Tmexxija jiddetermina l-ammont ta' kumpens pagabbli.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jiddeċiedi li jittardja l-ħlas lil min jagħmel talba sakemm ma ssirx determinazzjoni ta' xi akkuża kriminali miġjuba kontra min qed jagħmel talba, depożitant, jew xi persuna oħra intitolata jew interessata fir-rigward ta' depożitu eliġibbli taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att kontra *Money Laundering*, jew xi liġi korrispondenti ta' pajjiż barra minn Malta. Kap. 373

16. Kull meta jidher lill-Kumitat ta' Tmexxija li l-fondi li f'dak iż-żmien ikunu fil-pussess ta' l-Iskema jkunu inadegwati biex il-Kumitat ta' Tmexxija jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jitlob li ssir kontribuzzjoni speċjali lill-Iskema mill- parteċipanti skond it-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti. Tali kontribuzzjoni speċjali għandha tingħata lill-Iskema fi żmien 30 ġurnata kalendarja minn meta tintalab. Meta fondi jidhru li huma inadegwati.

17. L-ammont totali ta' kumpens li jista' jitħallas lil xi depożitant għandu jkun l-inqas minn disgħin fil-mija (90%) fir-rigward tad-depożiti Limitu ta' Kumpens.

eliġibbli ta' dak id-depożitant, jew sa l-ekwivalenti f'liri Maltin ta' 20,000 Euro konvertiti abbażi tar-rata medja ta' l-għeluq uffiċjali maħruġa mill-Bank ċentrali ta' Malta applikabbli fid-data li tiġi mħallsa t-talba.

Depożiti eliġibbli.

18. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "depożiti eliġibbli", f'relazzjoni ma' kull depożitant ta' istituzzjoni ta' kreditu, tfisser ir-responsabbiltà totali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tibqa' dovuta lil kull tali depożitant, inkluż kull imgħax jew *premium* akkumulati fuqha, sad-data ta' l-avviż ta' determinazzjoni taħt regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti, f'kont denominat f'liri Maltin miżmum f'Malta (jew f'fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza iżda mhux f'Malta) li:-

(a) m'hix "depożitu interbankarju", jiġifieri depożitu ma' istituzzjoni ta' kreditu magħmul minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn f'isimha u għaliha nnifisha;

(b) m'hix parti mill-fondi tal-parteċipant innifsu fl-ambitu tat-tifsira ta' kull direttiva maħruġa mill-awtorità kompetenti biex tirregola l-fondi tagħha stess;

(ċ) m'hix depożitu li ġej minn transazzjonijiet li in konnessjoni magħhom jkun hemm sejbien ta' ħtija kriminali għal ħasil ta' flus skond l-Att kontra *Money Laundering*;

Kap. 373.

(d) m'hix depożitu li għalih depożitant, fuq bażi individwali, ottjena mill-istess istituzzjoni ta' kreditu rati u konċessjonijiet finanzjarji li għenu biex jaggravaw il-qagħda finanzjarja tagħha; u

(e) depożitu magħmul minn persuna jew persuni esklużi taħt L-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Il-kumpens imħallas għandu jitnaqqas mill-kumpens pagabbli.

19. (1) Meta jikkalkola l-ammont ta' depożitu eliġibbli, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jieħu f'konsiderazzjoni kondizzjonijiet legali u kontrattwali marbutin mad-depożiti rispettivi u għandu jnaqqas mill-passiv totali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu:

(a) kull ħlas magħmul lid-depożitant minn skema ta' garanzija ta' depożiti banda oħra fir-rigward ta' tali responsabbiltà;

(b) kull ħlas magħmul lid-depożitant taħt polza ta' assigurazzjoni għal indennizz professjonali maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' tali responsabbiltà;

(ċ) l-ammont ta' xi responsabbiltà tad-depożitant lejn dik l-istituzzjoni ta' kreditu li fir-rigward tagħha kien jeżisti dritt ta'

kumpens ta' ħaġa b'oħra kontra d-depożitu msemmi immedjatament qabel ma l-avviż ta' determinazzjoni maħruġ għat-termini ta' regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti jew li fir-rigward tiegħu tali dritt kien ikun jeżisti kieku d-depożitu msemmi kien ripagabbli meta mitlub u tali responsabbiltà kienet dovuta immedjatament qabel il-ħruġ ta' tali avviż ta' determinazzjoni; jew

(d) kull ħlas magħmul taħt xi liġi oħra, kemm f'Malta kemm barra minn Malta, fir-rigward ta' tali responsabbiltà.

(2) Mingħajr preġudizzju għal dak hawn qabel imsemmi:

(a) kull dritt ta' tpaċċija għandu jkun possibbli biss meta t-talbiet ikunu dokumentati kif għandu jkun, jistgħu jitħallsu faċilment, m'humiex soġġetti għal nuqqas ta' qbil u kienu stabbiliti qabel sew l-avviż ta' determinazzjoni maħruġ għat-termini ta' regolament 13 ta' dawn ir- regolamenti.

(b) kull kumpens fir-rigward ta' depożitu eliġibbli għandu jkun pagabbli biss kif u meta d-depożitu jagħlaq.

Min jagħmel talba.

20. (1) Depożitanti jistgħu jagħmlu talba kontra l-Iskema għat-termini ta' dawn ir-regolamenti. Depożitanti elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma esklużi milli jissottomettu talbiet lill-Iskema.

(2) Kopertura tista' tingħata għal talbiet li jirriżultaw mill-inabilità ta' parteċipant li jħallas flus dovuti lil jew li jkunu ta' depożitanti u miżmuma f'isimhom f'konnessjoni mal-kummerċ bankarju.

(3) Dawk li jagħmlu talba ma jkunux jistgħu jagħmlu talba kontra aktar minn skema waħda fir-rigward ta' talba waħda. Meta talba tkun saret taħt żewġ skemi ta' kumpens jew aktar, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddetermina konklużivament taħt liema skema min jagħmel it-talba jkun eliġibbli għal kumpens.

(4) It-talbiet għandhom isiru f'forma tali, u jkunu akkumpanjati minn tali dokumentazzjoni jew informazzjoni, kif il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jiddetermina u jagħmel pubbliku minn żmien għal żmien.

Talbiet.

21. (1) Meta l-Kumitat ta' Tmexxija jkun tal-fehma li jew depożitant m'hux eliġibbli għal kumpens sħiħ jew parzjali għax jaqa' fl-ambitu ta' l-esklużjonijiet elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, jew id-depożitu m'hux depożitu eliġibbli skond ir-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu

jagħti avviż bil-miktub ta' dik il-fehma lil tali depożitant u r-raġunijiet għaliha u l-passi li jistgħu jittieħdu mid-depożitant taħt subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(2) Depożitant li jkun inghatalu avviż taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament skond dan ir-regolament jista', fi żmien 21 ġurnata kalendarja mill-għoti ta' l-avviż, japplika lit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji biex ikollu l-esklużjoni jew deduzzjoni li għaliha jirrelata l-avviż revokata jew emendata.

Surroga.

22. (1) Meta l-Iskema tkun ħallset lil depożitant eliġibbli, l-Iskema għandha tkun surrogata fid-drittijiet u r-rimedji ta' dak id-depożitant kontra l-istituzzjoni ta' kreditu.

(2) Qabel il-ħlas jew simultanjament mieghu, id-depożitanti għandhom jikkonfermaw bil-miktub lill-Kumitat ta' Tmexxija li:

(a) huma ma rċevewx xi ħlas minn xi skema oħra jew mill-istituzzjoni ta' kreditu involuta fir-rigward ta' l-istess telfa;

(b) huma jagħtu kull għajnuna li l-Kumitat ta' Tmexxija jista' jitlob biex il-Kumitat ta' Tmexxija jkun jista' jeżerċita d-drittijiet u r-rimedji tiegħu kontra l-istituzzjoni ta' kreditu; u

(ċ) id-drittijiet u rimedji kontra l-istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward tat-talbiet imħallsin huma surrogati favur il-Kumitat ta' Tmexxija.

Proprjetà konġunta.

23. (1) Meta żewġ persuni jew aktar ikunu intitolati flimkien għal depożitu eliġibbli, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tkun ittrattata bħallikieku kellha depożitu separat ta' l-ammont prodott billi tiddividi l-ammont tad-depożitu li għalih dawk il-persuni ikunu intitolati flimkien bin-numru ta' persuni intitolati għal daqshekk, sakemm ma jkunx hemm prova speċifika jew disposizzjonijiet kontrattwali speċifiċi li jiddeterminaw x'għandu jmissu kull wieħed;

(2) Meta persuna taġixxi bħala *trustee* jew *nominee* għal persuna waħda jew aktar b'att ta' *trust* jew fteħim simili, id-depożitu eliġibbli inkluża t-talba għandhom jitqiesu li jappartjenu lill-propjetarji benefiċjarji b'mod ugwali, sakemm ma jkunx hemm xhieda speċifika jew disposizzjonijiet kontrattwali speċifiċi li jiddeterminaw l-interessi benefiċjarji ta' tali persuni f'liema każ tali evidenza għandha tittieħed f'konsiderazzjoni biex ikun determinat x'għandu jmissu kull wieħed, u

sakemm f'kull każ li jkun hemm prova dwar il-proprjetà ghas-sodisfazzjoni komplet tal-Kumitat ta' Tmexxija.

Informazzjoni lill-Konsumatur.

24. Il-Kumitat ta' Tmexxija ghandu jiżgura li l-pubbliku ġenerali jkun infurmat sewwa dwar it-thaddim ta' l-arranġamenti ta' l-Iskema u li tali informazzjoni tinghata lill-pubbliku b'mod kemm jista' jkun wiesah u effettiv u kif determinat mill-Kumitat ta' Tmexxija.

Riklami.

25. (1) Istituzzjonijiet ta' kreditu ghandhom jaghmlu disponibbli lid-depożitanti kurrenti u prospettivi taghhom informazzjoni adegwata u ċara dwar l-applikabilità tahhl-Iskema flimkien ma' tali dettalji ohra kif minn żmien ghal żmien jistghu jkunu speċifikati mill-awtorità kompetenti f'manjiera u forma speċifikati mill-awtorità kompetenti:

Iżda istituzzjoni ta' kreditu m'ghandhiex tirriklama jew tordna li jkun irriklamat il-fatt li depożiti mqeghdin ma' istituzzjoni ta' kreditu huma protetti minn jew permezz ta' l-Iskema hlief bil-kunsens mitkub u miksub minn qabel ta' l-awtorità kompetenti.

(2) L-awtorità kompetenti tista' minn żmien ghal żmien tispeċifika l-informazzjoni li istituzzjonijiet ta' kreditu ghandhom jaghtu lid-depożitanti dwar l-Iskema u t-thaddim taghha, u wkoll il-mod u l-forma kif ghandha tinghata tali informazzjoni.

Setgha tal-Kumitat ta' Tmexxija li jakkwista informazzjoni.

26. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija ghandu jkollu d-dritt li jitlob lill-parteċipanti, kemm direttament jew permezz ta' l-awtorità kompetenti, li jissottomettu tali data u informazzjoni fil-forma li titlob hi, rilevanti ghall-amministrazzjoni xierqa ta' l-Iskema, f'dak iż-żmien skond kif il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jehtieġ. Id-dmir ta' kooperazzjoni jestendi ghal kull suċċessur tal-parteċipant, inkluži persuna jew persuni li ghandhom responsabbiltà li ma tieqafx ghall-affarijiet tal-parteċipant.

(2) Minghajr preġudizzju ghal regolamenti ohra li qeghdin f'dawn ir-regolamenti, parteċipanti li jonqsu li jikkonformaw mat-talba tal-Kumitat ta' Tmexxija ghal informazzjoni jew data fi żmien 15-il ġurnata kalendarji jistghu jehlu multa amministrattiva ta' mhux aktar minn Lm1,000, liema multa tista' tiġi imposta mill-awtorità kompetenti.

Konfidenzjalità

Kap. 377

27. (1) Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija u persuni mahturin taht is-subregolament (1) ta' regolament 6 ghandhom ikunu soġġetti ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Segretezza Professjonali u ghandhom iżommu konfidenzjali kull informazzjoni li jakkwistaw fil-kors tal-qadi ta' dmirijiet taht dawn ir-regolamenti, u m'ghandhomx jiżvelaw xi informazzjoni lil persuni, istituzzjonijiet ta' kreditu,

assoċjazzjoni jew entità ħlief kif jista' jkun permess minn dawn ir-regolamenti jew minn xi liġi oħra jew b'ordni tal-Qorti.

(2) Id-dmir tal-konfidenzjalità ma jinkisirx fil-każ ta':

(a) skambju ta' informazzjoni bejn il-Kumitat ta' Tmexxija u awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi oħra, jew l-awtorità kompetenti għall-immaniġġjar u ammistrazzjoni ta' skemi korrispondenti f'pajjiżi oħra, b'dan iżda li l-informazzjoni rilevanti tkun meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiethom taħt dawn ir- regolamenti; u

(b) kull użu jew kxif ta' informazzjoni li raġonevolment ikun meħtieġ li jsir biex il-Kumitat ta' Tmexxija u l-uffiċjali jew aġenti tiegħu jkunu jistgħu jaqdu dmirijiethom u jagħmlu l-funzjonijiet kontemplati minn dawn ir-regolamenti.

Nuqqas ta' tħaris ta' obbligi.

28. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti meta istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi imposti fuqha minn u taħt dawn ir- regolamenti u f'kooperazzjoni ma' l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha, inkluża l-imposizzjoni ta' multi, biex tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu tonora l-obbligi tagħha.

(2) Jekk dawn il-miżuri ma jaslux biex jiżguraw konformità min-naħa ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu, bil-kunsens espress ta' l-awtorità kompetenti, jagħti avviż ta' mhux inqas minn tnax-il xahar ta' l-intenzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha li tirrestrinġi jew tirtira l-liċenza ta' l-istituzzjoni ta' kreditu taħt l-Att. L-Iskema għandha tkompli tagħti kopertura tul dak il-perijodu.

(3) Wara r-restrizzjoni jew irtirar ta' liċenza, il-kopertura tibqaħ tingħata fir-rigward ta' depożiti eliġibbli li jkunu saru sad-data tar-restrizzjoni jew irtirar.

Proċeduri biex ikunu investigati lmenti.

29. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi u jżomm proċeduri interni adegwati biex jinvestiga lmenti kontrih minn istituzzjonijiet ta' kreditu.

Setgħa li jinħarġu direttivi u linji ta' gwida.

30. (1) L-awtorità kompetenti tista' tohroġ direttivi u linji ta' gwida lil istituzzjonijiet ta' kreditu għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn id-direttivi u linji ta' gwida jista' jkollhom tali dispożizzjonijiet inċidentali, supplementari u konsegwenzjali kif ikun jidher lill-awtorità kompetenti li jkun spedjenti għal kull fini ta' dawn ir-regolamenti.

31. Il-Kumitat ta' Tmexxija u uffiċjali jew aġenti ta' l-Iskema m'għandhomx ikunu responsabbli għad-danni għal xi ħaġa li jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti sakemm ma jintweriex li l-att jew ommissjoni jkunu saru b'*malafede*. Eżenzjoni minn responsabbiltà għal danni.

32. Għeluq is-sena finanzjarja ta' l-Iskema għandu jkun perijodu ta' żamma tal-kontijiet ta' tnax-il xahar li jagħlqu fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Għeluq is-Sena Finanzjarja ta' l-Iskema.

33. Il-kontijiet ta' l-Iskema għandhom jiġu verifikati minn awdituri maħturin mill-Kumitat ta' Tmexxija minn fost persuni li jkunu kwalifikati biex jinħatru awdituri ta' kumpannija taħt il-liġi viġenti f'Malta f'dak iż-żmien, bħallikieku l-Iskema kienet kumpannija bħal dik. Verifika.

34. L-awtorità kompetenti u l-Kumitat ta' Tmexxija għandhom jikkonsultaw ma' l-awtoritajiet kompetenti rilevanti u mal-persuni responsabbli minn skemi ta' kumpens f'pajjiżi oħra barra minn Malta u jippruvaw jaslu fi ftehim ma' dawk l-awtoritajiet u persuni dwar :- Kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra.

(a) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti jekk parteċipant ifalli;

(b) l-ammonti ta' kumpens pagabbli, wara t-tnaqqis, jekk ikun hemm, taħt kull skema; u

(ċ) kull aspett ieħor li jidher xieraq għat-tmexxija u l-amministrazzjoni kif għandu jkun ta' l-iskemi.

L-Ewwel Skeda

Lista ta' Esklużjonijiet imsemmija fir-regolament 20 (1) ta' dawn ir- regolamenti

Dawn li ġejjin għandhom ikunu eskluži milli jagħmlu talbiet kontra l-Iskema:

a) Depożitanti professjonali u istituzzjonali, li jikkonsistu fi:

- Istituzzjonijiet ta' Kreditu li jkunu qed imexxu l-kummerċ bankarju taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;
- Istituzzjonijiet Finanzjarji kif imfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;
- Persuni li għandhom liċenza ta' servizzi ta' investiment taħt l-artikolu 6 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;
- Intrapriżi ta' Assigurazzjoni li jkollhom liċenza biex imexxu negozju ta' assigurazzjoni taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' Assigurazzjoni;
- Skemi ta' investment kollettiv kif imfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;
- Fondi ta' Pensjonijiet u Irtirar, kif imfissra fl-Att li jirregola Fondi Speċjali;
- Kategoriji ta' depożitanti professjonali u istituzzjonali lokali u/jew barranin oħra, kemm jekk residenti u kemm jekk mhux residenti Malta, kif jista' jkun determinat mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien.

b) Istituzzjonijiet, gvernijiet u awtoritajiet amministrattivi nazzjonali u internazzjonali;

ċ) Kunsilli jew awtoritajiet lokali u muniċipali;

d) Diretturi u *managers* ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu rilevanti u membri ta' istituzzjoni ta' kreditu b'responsabbiltà personali, persuni li jkollhom 5% jew aktar tal-kapital ta' tali istituzzjoni ta' kreditu, l-awdituri ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u persuni ta' l-istess deskrizzjoni fir-rigward ta' kumpannija li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanniji bħall-istituzzjoni ta' kreditu;

e) Qraba mill-qrib, jiġifieri, axxendenti u dixxendenti jew il-konjuġi ta' mara jew raġel miżżewġin u partijiet terzi li jagixxu f'isem id-depożitanti msemmija f'paragrafu (d) ta' din l-Iskeda;

f) Kumpanniji oħra fl-istess grupp ta' kumpanniji bħall-istituzzjoni ta' kreditu;

ġ) Sigurtajiet fuq dejn maħruġin mill-istess istituzzjoni u responsabbiltajiet li jirriżultaw minn aċċettazzjonijiet ta' ħlas ta' *promissory notes* u ċedoli; u

h) Depożitanti li, fil-fehma tal-Kumitat ta' Tmexxija, għandhom xi responsabbiltà jew li jkunu ħadu vantaġġ minn ċerti fatti relatati ma' xi istituzzjoni ta' kreditu li wasslu għad-diffikultajiet finanzjarji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew ikkontribwew għad-deterjorament tal-qagħda finanzjarja tagħha.

It-Tieni Skeda

Kontribuzzjonijiet
skond ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti

L-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jipparteċipaw fl-Iskema għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet lill-Iskema kif ġej:

(a) Kontribuzzjoni Inizjali;
(b) Kontribuzzjonijiet Supplementari;
(ċ) Kontribuzzjonijiet Speċjali.

L-ammont minimu miżmum mill-Iskema u li jista' jintuża għall-kumpens għandu jkun ta' Lm 1 miljun, stabbilit fuq perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx il-ħames snin mid-dhul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Kontribuzzjonijiet Inizjali

Kontribuzzjoni Inizjali għandha tiġi allas mill-parteċipanti fi żmien 30 ġurnata kalendarja mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

L-ammont minimu tal-Kontribuzzjoni Inizjali għandu jkun Lm10,000 kull parteċ ipant.

Il-Kumitat ta' Tmexxija jista', b'konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, jirrinunzja għal jew jipposponi l-pagament ta' din il-Kontribuzzjoni Inizjali kollha jew ta' parti minnha.

Kontribuzzjonijiet Supplementari

Il-livell ta' Kontribuzzjonijiet Supplementari għal kull parteċipant għandu jkun ikkalkulat bl-applikazzjoni tal-perċentwali determinata mill-Kumitat ta' Tmexxija fuq depożiti eliġibbli miżmumin mill-parteċipant f'għeluq l-aktar sena finanzjarja reċenti.

L-ammont minimu ta' Lm1 miljun għandu jkun ikkontribwit proporzjonatament skond is-sehem tal-parteċipanti tad-depożiti eliġibbli totali fuq perijodu ta' ħames snin li jibdew mid-data li fiha dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ.

Il-formola applikabbli għall-parteċipanti għall-kontribuzzjoni annwali għall-ewwel ħames snin biex jaslu għall-ammont minimu ta' l-Iskema għandu jkun kif muri hawn taħt. Għall-fini ta' kjarifika, L-Ewwel Sena għandha titqies li tkun is-sena li fiha dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ.

Sena	*Formola*
1	0.1% tad-Depożiti Eliġibbli (kif ikunu f'għeluq is-sena finanzjarja l-aktar reċenti) / 5
2	(0.1% tad-Depożiti Eliġibbli kif ikunu f'għeluq is-sena finanzjarja ta' L-Ewwel Sena) *nieqes* (kontribuzzjoni ta' L-Ewwel Sena) / 4
3	(0.1% tad-Depożiti Eliġibbli kif ikunu f'għeluq is-sena finanzjarja tat-Tieni Sena) *nieqes* (kontribuzzjoni ta' L-Ewwel Sena + It-Tieni Sena) / 3
4	(0.1% tad-Depożiti Eliġibbli kif ikunu f'għeluq is-sena finanzjarja tat-Tielet Sena) *nieqes* (kontribuzzjoni ta' L-Ewwel Sena + It-Tieni Sena + It-Tielet Sena) / 2

Mill-Hames Sena 'l quddiem, parteċipanti jkun jenħtieġ jiżguraw li l-kontribuzzjoni proporzjonali aggregata tagħhom tammonta għal 0.1% tad-depożiti eliġibbli rispettivi tagħhom kif ikunu f'għeluq is-sena finanzjarja ta' qabel.

Jekk l-ammont ikkontribwit f'xi sena li tiġi wara (jiġifieri mill-Ħames Sena 'l quddiem) hu inqas minn minimu ta' 0.1%, il-parteċipant għandu jintalab jagħmel kontribuzzjoni supplementari addizzjonali.

Parteċipant ma jkunx eliġibbli għal rifużjoni jekk iż-0.1% ta' depożiti eliġibbli għal sena partikolari jirrappreżentaw ammont li hu inqas mill-ammont aggregat ikkontribwit.

Ħlas ta' kontribuzzjonijiet supplementari għandu jsir fi żmien 21 ġurnata kalendarja mill-għoti lil kull parteċipant ta' avviż bil-miktub li jispeċifika l-ammont dovut.

Kontribuzzjonijiet Speċjali

Il-Kumitat ta' Tmexxija jista', f'kull waqt tul is-sena finanzjarja ta' l-Iskema, jiġbor Kontribuzzjonijiet Speċjali mingħand parteċipant biex jonora impenji ta' l-Iskema.

Il-Kumitat ta' Tmexxija jistaħ, f'għeluq is-sena finanzjarja tiegħu u li tulha jkunu ngħabru kontribuzzjonijiet speċjali, jirrifondi tali Kontribuzzjonijiet Speċjali kollha jew parti minnhom li ma jkunux ġew utilizzati, jew li ma jkunx mistenni li se jkunu utilizzati fit-12-il xahar li jkunu ġejjin, lill-parteċipanti *pro rata* u skond l-ammonti ta'

kontribuzzjonijiet speċjali magħmulin. Ebda mgħax ma għandu jkun pagabbli fuq Kontribuzzjonijiet Speċjali mogħtija lura lill-parteċipanti.

Hlas ta' kontribuzzjonijiet speċjali għandu jsir fi żmien 30 ġurnata kalendarja mill-għoti lil kull parteċipant ta' avviż bil-miktub li jispeċifika l-ammont dovut.

Limitu massimu għal kontribuzzjonijiet

Meta l-ammont miżmum mill-Iskema (u li minnu jista' jsir kumpens) jkun wasal biex jilħaq, jew ikun laħaq, Lm3 miljuni, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu, bl-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, jikkunsidra jekk ċirkustanzi kurrenti u futuri jkunux jimmeritaw reviżjoni tal-kontribuzzjonijiet supplementari magħmulin mill-parteċipanti u jekk il-parteċipanti għandhomx jieqfu milli jagħmlu ħlasijiet bi fluss likwidi ta' kontribuzzjonijiet supplementari lill-Iskema.

Parteċipanti m'għandhomx jintalbu jagħmlu xi kontribuzzjonijiet supplementari jew speċjali jekk it-total tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (Inizjali, Supplementari u Speċjali) sa dik id-data, wara li jitnaqqsu rifużjonijiet ta' Kontribuzzjonijiet Speċjali, jaqbeż it-0.3% tar-responsabbiltajiet ta' depożiti eliġibbli totali.

Wara l-Hames Sena, id-differenza bejn livell "*capped*" ta' 0.3% u l-ammont imħallas bħala kontribuzzjonijiet supplementari (kif ikun fid-data li fiha l-parteċipanti jkunu waqfu jħallsu kontribuzzjonijiet supplementari fuq deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija), għandha tkun ikkunsidrata mill-Kumitat ta' Tmexxija bħala fondi "*on call*" u għandha jew tinżamm bħala riserva kapitali mill-parteċipant jew bħala responsabbiltà kontinġenti.

F'dan ir-rigward u wara konsultazzjoni ulterjuri mal-parteċipanti, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ linji ta' gwida lill-parteċipanti li jiddeterminaw kif tali fondi "*on call*" għandhom ikunu ttrattati.

F'kull każ, il-parteċipanti għandhom jiżguraw li tali fondi jkunu jistgħu jgħaddu lill-Iskema fi żmien 30 ġurnata kalendarja minn meta ssir sejħa għall-użu ta' tali fondi.

Kondizzjonijiet oħra

Istituzzjoni ta' kreditu li tkun waqfet milli tkun parteċipant fl-Iskema m'għandhiex tkun intitolata għal rifużjoni ta' kontribuzzjonijiet magħmulin mid-data li tkun saret parteċipant fl-Iskema sakemm ma jiġix provdut mod ieħor f'din l-iskeda.

It-Tielet Skeda

Membri ġodda (Regolament 11 (4))

Meta istituzzjoni ta' kreditu ssir parteċipant fl-Iskema wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiġbor kemm jista' jkun malajr Kontribuzzjoni Inizjali ta' ammont li jkun determinat kif ġej:

Meta l-parteċipant il-ġdid ma jkollux bażi ta' depożiti meta jidħol fl-Iskema, il-Kontribuzzjoni Inizjali għandha tkun l-ammont minimu speċifikat fit-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

Meta istituzzjoni ta' kreditu li ssir parteċipant ikollha bażi ta' depożiti, l-ammont tal-Kontribuzzjoni Inizjali għandu jkun ikkalkulat fuq ir-responsabbiltajiet ta' Depożiti Eliġibbli kollha meta ssir parteċipant b'tali perċentwali kif il-Kumitat ta' Tmexxija jqis xieraq biex il-parteċipant jilħaq il-livelli ta' kumpens tal-parteċipanti l-oħra, waqt li jingħata kas ta' kontribuzzjonijiet inizjali u supplementari magħmulin sad-data li fiha l-istituzzjoni ta' kreditu ssir parteċipant.

Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddetermina skeda ta' żmien għall-ħlas tal-Kontribuzzjoni Inizjali b'konsultazzjoni waqt li jagħti kas taċ-ċirkustanzi partikolari tal-parteċipant ġdid.

Bla ħsara għal dak t'hawn fuq, il-Kumitat ta' Tmexxija jista', b'konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, jirrinunzja jew jipposponi l-ħlas kollu ta' din il-Kontribuzzjoni Inizjali jew ta' parti minnha.